INTRODUZZJONI għall-għodwa **Nagħmlu waħda tinkiteb!**

Min jikteb il-poeżija ma jiktibhiex għax m'għandux x'jagħmel. Min iħarbex u jirrakkonta storja ma jagħmilx hekk biex jgħaddi żmien. U min jikteb dramm ma jaqlax ħafna flus sakemm ma tidħaklux ix-xorti.

Min jikteb il-poeżija jipprova jaħtaf mument intens u jrossu f'versi. Mhux f'ħafna, fi ftit. Kif tagħmel kamera tar-ritratti. Taqbad mument. Imma taqbad biss dak li jidher. Il-poeżija taqbad anki dak li ma jidhirx.

Min iħarbex u jirrakkonta storja jixbah lil mara tqila: bħalma omm iġġorr tarbija f'ġufha għal disa' xhur sħaħ, il-kittieb jagħmel ġimgħat, xhur u anki snin iħammem fuq idea; il-mara tgħaddi mill-uġigħ tal-ħlas u twelled ħajja ġdida, tad-demm u l-laħam. Il-kittieb, wara frustrazzjonijiet kbar, huwa ukoll iwelled idea u jagħtiha lid-dinja, iswed fuq abjad. Bħal omm jew missier li jrabbi lit-tifel tiegħu b'għożża kbira hekk ukoll il-kittieb – jikteb kelma wara oħra, sentenza wara oħra, paġna wara oħra u jara l-istorja tikber u timmatura. Insomma, il-kittieb bħal bniedem: jibda x'imkien, ikompli u xi darba jieqaf hu ukoll.

Min jikteb dramm moħħu jilħaqlu u min xi darba kiteb li aħna kollha atturi u l-ħajja mhi xejn ħlief palk huwa għaref. Il-ħajja hija reċta waħda u d-dinja tagħna hija l-palk. Xi drabi nilbsu l-maskri, xi drabi ngħollu leħinna. Xi drabi nikkummidjaw u ndaħku lil min qed jarana, drabi oħra noqogħdu kwieti b'demgħa ġġelben ma' wiċċna u nibku xortina li ħajjitna traġedja. Hemm waqtiet li nittawwlu minn wara l-purtieri tas-siparju u hemm waqtiet fejn nirfsu fuq l-palk u nieħdu gost inkunu ċ-ċentru tal-attenzjoni. Ħajjitna teatru sħiħ!

Imbagħad jiġu jgħidulek li l-kitba u l-qari skadew. M'għadhomx importanti. Intilef il-valur tagħhom. Aħna ma niktbux u naqraw għax il-kitba sabiħa. Aħna niktbu u naqraw għax aħna bnedmin. U l-bnedmin huma mimlija emozzjonijiet. Il-mediċina, il-liġi, il-kummerċ, il-flus, l-inġinerija – dawn kollha importanti u essenzjali biex il-ħajja tagħna tkompli. Imma l-poeżija, l-emozzjonijiet, id-daħk u l-biki, l-imħabba u n-niket, il-ferħ u s-skiet, l-istejjer ta' jum wara jum ... dawn huma r-raġunijiet għalfejn nibqgħu ħajjin. Dawn huma l-affarijiet li jagħmluna bnedmin.

Kull min jikteb, kull min jaqra ma jaħlix ħin. Kull min jikteb, kull min jaqra qiegħed jipprova jsib il-vuċi tiegħu f'dinja mimlija ilħna. Kull min jikteb, kull min jaqra qiegħed jipprova jifhem kif għandu jgħix f'dinja li ssibha faċli tiddettalek

x'għandek tagħmel u x'għandek temmen. Kull min jikteb, kull min jaqra, jispera, jittama, jixtieq, li jieħu xi ħaġa miegħu fil-ħajja ta' kuljum. Għax aħna lkoll l-istess. Kollha nitwieldu u kollha se mmutu. Kollha nieklu, kollha nixorbu, kollha nimirdu. Kollha nifirħu, kollha nbatu. Fil-ħamsin elf sena, li l-*homosapiens* kompla jiżvilupa, il-bniedem ma nbidilx ħafna. Vera, biddel il-mod ta' kif jilbes u kif jagħmel xagħru. Biddel il-mod ta' kif jitkellem jew jibni d-djar tiegħu. Imma minn ġewwa baqa' l-istess. Irrelevanti mil-liema kontinent ġej. Irrelevanti liema lingwa jitkellem. Irrelevanti jekk hux abjad jew iswed, twil jew qasir, sinjur jew fqir, raġel jew mara. Jekk titfagħna fix-xita kulħadd jixxarrab u kull meta nweġġgħu kulħadd *"aħħ"* jgħid. Allura aħna minn aħna? Jien min jien? Nixtieq inkun naf mela nixtieqx! Ma jmurx jasal dak il-mument fl-aħħar ta' ħajti, fuq is-sodda ta' mewti jew Alla biss jaf fejn, fejn ħajti tgħaddi kollha kemm hi quddiemi - rakkont wara l-ieħor, storja wara oħra, u nirrealizza li ma għext xejn. Għax jgħidu x'jgħidu, il-kelma, il-kliem, l-ideat jafu jbiddlu d-dinja. U jekk ma noqgħodx attent jafu jbiddlu jien min jien.